Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/6983

19.11.2024

**Sejħa għall-proposti 2025 — EAC/A08/2024**

**Il-Programm Erasmus+**

(C/2024/6983)

## 1. Introduzzjoni u Objettivi

Din is-sejħa għall-proposti hija msejsa fuq ir-Regolament (UE) Nru 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport ([1]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Erasmus+") kif ukoll fuq il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2025 tal-Erasmus+ (C(2024) 7026). Il-Programm Erasmus+ ikopri l-perjodu mill-2021 sal-2027. L-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm Erasmus+ jinsabu fl-Artikolu 3 tar-Regolament Erasmus+.

## 2. Azzjonijiet

Din is-sejħa għall-proposti tkopri dawn l-azzjonijiet tal-Programm Erasmus+:

Azzjoni Ewlenija 1 (KA1) — Mobbiltà tal-apprendiment tal-individwi:

- Mobbiltà tal-individwi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ
- Attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ
- DiscoverEU – Azzjoni ta' Inklużjoni
- Skambji virtwali fl-edukazzjoni għolja u ż-żgħażagħ
- Mobbiltà tal-persunal fil-qasam tal-isport

Azzjoni Ewlenija 2 (KA2) — Kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet

- Sħubijiet għall-Kooperazzjoni:
  - Sħubijiet ta' Kooperazzjoni
  - Sħubijiet fuq Skala żgħira
- Sħubijiiet għall-Eċċellenza:
  - Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali
  - Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+
  - Azzjoni Erasmus Mundus
- Sħubijiet għall-Innovazzjoni:
  - Alleanzi għall-innovazzjoni
- Bini tal-kapaċità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport
- Avvenimenti Sportivi Ewropej mingħajr Skop ta' Qligħ

Azzjoni Ewlenija 3 (KA3) — Appoġġ għall-iżvilupp tal-politika u l-kooperazzjoni

- Żgħażagħ Ewropej Flimkien

([1]) ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1.

Azzjonijiet Jean Monnet:

— Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni għolja

— Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u tat-taħriġ

— Dibattitu ta' orjentazzjoni Jean Monnet

## 3. Eliġibbiltà

Kull korp pubbliku jew privat li hu attiv fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport jista' japplika għal finanzjament fil-Programm Erasmus+. Barra minn hekk, il-gruppi taż-żgħażagħ li huma attivi fil-ħidma fost iż-żgħażagħ, iżda mhux bilfors fil-kuntest ta' organizzazzjoni taż-żgħażagħ, jistgħu japplikaw għal finanzjament għall-mobbiltà tal-apprendiment taż-żgħażagħ u tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, l-attivitajiet tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU.

Dawn il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fl-azzjonijiet kollha tal-Programm Erasmus+ ([2]):

— is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej,

— il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm:

  — il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE: l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja,

  — il-pajjiżi kandidati tal-UE: ir-Repubblika tat-Turkija, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u r-Repubblika tas-Serbja ([3]).

Barra minn hekk, ċerti azzjonijiet tal-Programm Erasmus+ huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm.

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ tal-2025 għal aktar dettalji dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni.

## 4. Baġit u durata tal-proġetti

L-istima tal-baġit totali allokat għal din is-sejħa għall-proposti hija stmata għal EUR 4 420,803 miljun:

| | |
|---|---|
| Edukazzjoni u Taħriġ (inkluż l-Azzjonijiet Jean Monnet): | EUR 3 965,233 miljun |
| Żgħażagħ: | EUR 379,280 miljun |
| Sport: | EUR 76,290 miljun |

Il-baġit totali allokat għas-sejħa għall-proposti, kif ukoll it-tqassim tiegħu huma indikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali tal-2025 tal-Erasmus+ li ġie adottat fil-11 ta' Ottubru 2024, u jista' jiġi mmodifikat soġġett għal emenda tal-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Erasmus+. L-applikanti potenzjali huma mistiedna jikkonsultaw regolarment il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Erasmus + u l-emendi tiegħu, ippubblikati fuq:

https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/resources/documents/annual-work-programmes_mt

L-għotjiet mogħtija kif ukoll id-durata tal-proġetti jvarjaw skont il-fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett, it-tip ta' applikanti eliġibbli u l-għadd ta' sħab involuti.

Il-benefiċjarji jistgħu jiddikjaraw il-kostijiet tax-xogħol imwettaq minn voluntiera fl-ambitu ta' azzjoni abbażi tal-kostijiet unitarji awtorizzati u definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2019) 2646. Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ għal aktar struzzjonijiet dettaljati dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet tal-voluntiera.

([2]) L-attivitajiet Jean Monnet huma miftuħa għal organizzazzjonijiet minn madwar id-dinja kollha.
([3]) Soġġett għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni bilaterali.

5. **Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet**

L-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet speċifikati hawn taħt kollha jirreferu għall-ħin ta' Brussell.

| **Azzjoni Ewlenija 1** | |
|---|---|
| Mobbiltà tal-individwi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja | 19 ta' Frar 2025 f'12:00 |
| Mobbiltà tal-individwi fl-oqsma tal-VET, tal-edukazzjoni skolastika u tal-edukazzjoni għall-adulti | 19 ta' Frar 2025 f'12:00 |
| Mobbiltà tal-persunal fil-qasam tal-isport | 12 ta' Frar 2025 f'12:00 |
| Mobbiltà internazzjonali li tinvolvi pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-programm | 19 ta' Frar 2025 f'12:00 |
| Akkreditazzjonijiet tal-Erasmus fil-VET, fl-edukazzjoni skolastika u fl-edukazzjoni għall-adulti | 1 ta' Ottubru 2025 f'12:00 |
| Akkreditazzjonijiet tal-Erasmus fil-qasam taż-żgħażagħ | 1 ta' Ottubru 2025 f'12:00 |
| Mobbiltà tal-individwi fil-qasam taż-żgħażagħ | 12 ta' Frar 2025 f'12:00 |
| Mobbiltà tal-individwi fil-qasam taż-żgħażagħ | 1 ta' Ottubru 2025 f'12:00 |
| Azzjoni ta' Inklużjoni ta' DiscoverEU | 12 ta' Frar 2025 f'12:00 |
| Skambju Virtwali Erasmus+ | 29 ta' April 2025 fil-17:00 |

| **Azzjoni Ewlenija 2** | |
|---|---|
| Sħubijiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, ħlief dawk sottomessi mill-NGOs Ewropej | 5 ta' Marzu 2025 f'12:00 |
| Sħubijiet ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ sottomessi mill-NGOs Ewropej | 5 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Sħubijiet ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-isport | 5 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Sħubijiet fuq skala żgħira fl-oqsma tal-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għall-adulti u ż-żgħażagħ | 5 ta' Marzu 2025 f'12:00 |
| Sħubijiet fuq skala żgħira fil-qasam tal-isport | 5 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali | 11 ta' Ġunju 2025 fil-17:00 |
| Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+ | 26 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Azzjoni Erasmus Mundus | 13 ta' Frar 2025 fil-17:00 |
| Alleanzi għall-Innovazzjoni | 6 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-Edukazzjoni Għolja | 6 ta' Frar 2025 fil-17:00 |
| Bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali | 27 ta' Frar 2025 fil-17:00 |
| Bini tal-kapaċitajiet fil-qasam taż-Żgħażagħ | 6 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Bini tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-Isport | 5 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |
| Avvenimenti Sportivi Ewropej mingħajr Skop ta' Qligħ | 5 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |

| **Azzjoni Ewlenija 3** | |
|---|---|
| Żgħażagħ Ewropej Flimkien | 6 ta' Marzu 2025 fil-17:00 |

| | |
|---|---|
| **Networks u Azzjonijiet Jean Monnet** | 12 ta’ Frar 2025 fil-17:00 |

Jekk jogħġbok ara l-Gwida tal-Programm Erasmus+ għal aktar struzzjonijiet dettaljati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

## 6. Informazzjoni fid-dettall

Ara l-kundizzjonijiet ta’ din is-sejħa għall-proposti fid-dettall, inklużi l-prijoritajiet, fil-Gwida tal-Programm Erasmus + tal-2025 fl-indirizz tal-internet li ġej:

https://erasmus-plus.ec.europa.eu/mt/erasmus-programme-guide

Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ tifforma parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u l-finanzjament li jissemmew fiha japplikaw bis-sħiħ għal din is-sejħa.